Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell: 31/2015

**John Attard (Appellat)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali (Appellant)**

Il-Gimgha, 10 ta' Gunju 2016.

1. B'avviz datat 24 ta' Jannar, 2014 l-appellant avza lill-appellat li:

   *"Inti gentilment infurmat li jirrizulta li thallast zejjed is-somma ta' EUR11,435.94 fil-Ghajnuna ghal Dizimpieg li rcevejt minn dan id-Dipartiment ghall-perjodu minn 08.10.11 sa 10.01.14. Dan sar minhabba li ARA ITTRA DATATA 24/1/2014."*[1]

   B'avviz datat 27 ta' Jannar, 2014 l-appellant avza lill-appellat li:

   *"L-applikazzjoni tieghek ghall-Ghajnuna tal-Qghad kienet mistharrga/riveduta u gie deciz li m'intix/m'ghadekx aktar intitolat/a ghal din l-Ghajnuna ghaliex "Id-Direttur mhux sodisfatt li m'intix impenjat f'attivita kummercjali."*

2. L-Appellat appella quddiem l-Arbitru taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318). B'decizjoni tal-24 ta' Gunju 2015 (numru 224/15), l-Arbitru ddecieda:

   *"Illi fix-xhieda tieghu, l-appellant spjega fil-qosor id-diffikultajiet li ltaqa' maghhom in konnessjoni ma' dan ir-razzett u aktar importanti qal illi jkun imposibbli li jigi stabbilit prezz fiss ghal bhima wahda peress li hemm hafna fatturi li ghandhom jigu meqjusa qabel ma jinghata prezz. Spjega li bhalissa ghandu dejn ma' terzi u li prezentement minhabba proceduri prezenti, ir-razzett mhu jrendi xejn.*

   *Illi minghajr hafna tlaqliq l-Arbitru huwa sajjem minn prova dwar il-prezz tal-bhejjem u dan ghal finjiet ta' kapital.*

   *Illi l-Arbitru jifhem ukoll li persuna li zzomm mitejn (200) naghga zgur mhux ghal skopijiet personali.*

   *Illi pero' mill-provi ma jirrizulta ebda prova ta' attivita kummercjali u jekk jirrizulta bil-maqlub u cioe' minhabba kazijiet il-Qorti, l-attivita' tal-appellant hija ristretta ferm.*

[1] L-ittra tal-24 ta' Jannar 2014 tinsab fil-file tal-appell numru 32/2015, fejn ir-raguni li l-appellant ta kienet li ma kienx sodisfatt li l-appellat m'huwiex impenjat f'attivita' kummercjali.

*Ghal dawn il-motivi l-appelli qed jigu milqugha b'dan illi l-Arbitru jheggeg lid-Dipartiment sabiex izomm kuntatt mal-Awtoritajiet Veterinarji sabiex dawn jghidulu fhix ikunu waslu l-proceduri legali tal-appellant in konnessjoni maz-zamma ta' dan ir-razzett sabiex fl-eventwalita' u jekk ir-razzett jigi regolarizzat, id-Dipartiment jiehu dawk il-mizuri opportuni b'effett immedjat."*

3. L-appellant appella mid-decizjoni. L-aggravji huma:-
   i. Hemm provi cari li l-appellat kien qieghed jiggestixxi attivita kummercjali minn gewwa razzett f'Ghawdex.
   ii. L-appellat stess ammetta li kellu attivita kummercjali.
   iii. Irrizulta li l-appellat kellu 435 naghga, mit-3 ta' Lulju 2010 sal-24 ta' Jannar 2014. Minkejja li nqatlu numru minnhom, l-appellat ikkonferma li kien ghad fadallu 160 naghga.
   iv. Il-provi kollha jindikaw li l-appellat kellu attivita' kummercjali.
4. L-appellat wiegeb li:
   i. L-appell hu null ghaliex gie pprezentat wara t-tletin (30) jum kontemplati mil-ligi.
   ii. M'hemmx ragunijiet gravi sabiex din il-qorti thassar id-decizjoni tal-Arbitru.
5. Dan l-appell hu wiehed minn tlieta ohra, li wkoll jitrattaw beneficcji socjali ohra li l-appellat kien qieghed jirciev minghand id-Dipartiment jew li applika ghalihom (numri 32/2015, 33/2015 u 34/2015).
6. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, l-appellant ipprezenta nota bid-dokumenti relattivi minn fejn jirrizulta li fl-1 ta' Lulju 2015 l-appellant gie notifikat bid-decizjoni tal-Arbitru (224/15). Fil-covering letter li ntbaghatet mill-ufficcju tal-Arbitru u datata 25 ta' Gunju 2015, fejn jinghad li qeghda tintbghat id-decizjoni 223/2015, hemm ukoll id-timbru tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li rceviha fl-1 ta' Lulju 2015. Fatt konfermat ukoll mill-*Local Track and Trace* tal-Maltapost. L-appell gie pprezentat fil-31 ta' Lulju 2015, cjoe' meta kienu ghadhom ma skadewx it-tletin (30) jum (Artikolu 109 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali, Kap. 318).
7. Jidher li m'hemmx kontestazzjoni li jekk l-appellat kellu attivita kummercjali, ma kienx intitolat li jircievi l-ghajnuna socjali. F'dan ir-rigward fis-seduta quddiem l-Arbitru id-difensur tal-appellat[2] iddikjara li kien pacifiku li kien hemm ammont ta' naghag li kienu qeghdin jitrabbew mill-appellat u li l-kwistjoni li kellha tigi ezaminata mill-Arbitru kienet jekk *".... l-appellant (recte,*

[2] Ghalkemm jinghad li d-dikjarazzjoni saret mid-difensur tal-appellant, hu evidenti li saret mid-difensur tal-appellat Attard.

*appellat) kellux xi dhul minn din it-trobbija b'mod li l-istess trobbija tista' tigi msejha attivita' kummercjali."*

Ghal dak li jirrigwarda l-provi dwar l-attivita' kummercjali, il-qorti tqies rilevanti li:

i. L-appellat xehed:

*"Nispjega li kont ilni nirregistra ghax-xoghol u meta ma* ***rnexxilix armajt bin-naghag****.* ***Nispjega illi biex izzomm attivita' bhal din hu mpossibbli li tkampa mill-assistenza socjali.*** *Nispjega illi mill-ammont ta' naghag, id-Dipartiment kien qatilli nofshom….. Bhejjem mhux registrati qieshom bhejjem ma jezistu ghad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Meta tellghuni l-Qorti, twaqqfitli l-Ghajnuna ghall-Qghad. Illum ghandi l-pulizija wara l-bieb u fadal mija u sittin (160)."* (enfazi tal-qorti).

Kliem li ghall-qorti jista' jfisser **biss** li l-appellat kellu attivita' kummercjali fl-istess zmien li kien qieghed jircievi l-ghajnuna minghand id-Dipartiment.

ii. Li kienet tezisti din l-attivita kummercjali jirrizulta wkoll mill-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 54/2012 fl-ismijiet **Ganni Attard et vs Dr Anthony Gruppetta** (ara per ezempju deposizzjoni tat-tabib Dr Anthony Gruppetta fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2012), degretat fid-9 ta' Novembru 2012[3]. Proceduri li gew segwiti b'kawza fl-ismijiet **Ganni Attard et vs Dr Antony Gruppetta** (Rikors 114/2012).

iii. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza 114/2012 tad-29 ta' Jannar 2016, intqal:

*"63. Din il-Qorti tinnota wkoll illi l-attur ma kienx qieghed irabbi erba' naghgiet bhala delizju. Kieku dan kien il-kaz kien ikollu jsegwi proceduri ohra iktar espedjenti kif jispjega Dr Frank Galea a fol. 143.* ***Hawnhekk jirrizulta inkontestat illi l-kwantitajiet ta' naghag li kellu l-attur, kif ukoll l-oggetti li nstabulu fuq il-post, fosthom tankijiet bil-gbejniet kif deskritt mit-Tabib Gruppetta fl-affidavit tieghu, u kif huwa evidenti anke minn harsa prima facie lejn ir-ritratti Dok AG1 sa Dok AG 18 ipprezentati fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni, kienu ntizi ghall-konsum tan-nies****. Maghdud ma' dan hemm in-nuqqasijiet l-ohra tal-attur, fosthom, li ma ghandux licenzja ghal post li jipproduci prodotti tal-halib fi kwantitajiet industrijali, mhuwiex registrat bhala persuna li tipprepara l-ikel, u huwa nieqes mill-approvazzjoni necessarja taht ir-Regolament Ewropew*

[3] Jirrizulta li f'dawk il-proceduri kien xehed Dr Anthony Gruppetta li pprezenta ritratti li ttiehdu mill-post fejn kienu qeghdin jinzammu n-naghag u li skond ix-xhud: *"…. Juru l-kamra fejn kien isir il-gobon mhux li ovvjament attrezzati bis-sistemi li wiehed jistenna u jitlob f'dawn is-sitwazzjonijiet."*

*853/2004 li jistabilixxi certi regoli ta' igene ghall-ikel li jorigina mill-annimali.*" (enfazi ta' din il-qorti).

iv. L-Arbitru stess fid-decizjoni qal: *"Illi l-Arbitru jifhem ukoll illi persuna li zzomm mitejn (200) naghga zgur mhux ghal skopijiet personali."* Iktar minn hekk il-qorti tosserva li mill-kawza rrizulta li l-merhla kienet tikkonsisti f'450 ras f'sit maghruf bhala tal-Pirwillin, Gharb, Ghawdex (ara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Superjuri tad-29 ta' Jannar 2016 u li giet konfermata mill-Qorti tal-Appell). Numri li ma jhallu l-ebda dubju li fil-post kienet ghaddejja attivita kummercjali.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti ma taqbilx mal-Arbitru li *"…. ma jirrizulta ebda prova ta' attivita' kummercjali….."* u anzi taqbel mal-appellant li l-provi jindikaw li kienet ghaddejja attivita kummercjali. Attivita' li hu evidenti li l-appellat naqas milli jiddikjara lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali (Artikolu 97 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali).

8. M'hemmx dubju li l-attivita li kienet ghaddejja minn gewwa r-razzett kienet illegali. Madankollu l-appellant xorta kien ghaddej bl-attivita tieghu u jiehu l-beneficcju minnha.

9. Mill-provi jirrizulta li meta l-awtoritajiet nvestigaw il-kaz, tpoggew pulizija mar-razzett. Fil-fatt Dr Roberto Andrew Bolbo, ufficjali pubbliku, xehed:

*"Mistoqsija: Nghid sew li hemm pulizija stazzjonat mar-razzett tal-appellant kuljum ?*

*Iva, ghaliex peress li ahna nikkontendu li r-razzett hu illegali, tpoggew il-pulizija sabiex jaraw li ma jkunx hemm trasferiment ta' bhejjem. Niccara li l-bhejjem ghadhom fil-pussess tal-appellant. Raguni ohra ghala r-razzett qed jigi ssorveljat sabiex nassiguraw illi prodotti tal-ikel derivanti minn dawn l-annimali ma jkunux jistghu jinbieghu lil terzi."*

Li hu cert hu li minn dakinhar l-attivita kummercjali li kienet ghaddejja fir-razzett, spiccat ghal kollox. Ghalhekk minn dak iz-zmien l-appellant ma setax kellu ntrojtu minn attivita kummercjali ghaliex din twaqqfet ghal kollox bl-intervent tal-awtorita pubblika. Ghalhekk:

i. Id-decizjoni tal-appellant dwar l-ghajnuna ghall-qghad li dwarha nhareg avviz datat 27 ta' Jannar 2014 u in kwantu bazata fuq id-decizjoni li *"Id-Direttur mhux sodisfatt li m'intix impenjat f'attivita kummercjali,"* hi bla bazi ghaliex fl-istadju li ttiehdet jirrizulta bla dubju li l-attivita kummerjcali kienet ilha zmien twil li twaqqfet. M'hemmx prova ta' xi attivita kummercjali ohra ghal dik meritu tal-kawza fuq imsemmija.

ii. Id-decizjoni tal-appellant dwar ir-rifuzjoni tal-ghajnuna ghal disimpieg li rcieva minghand id-Dipartiment minhabba l-attivita kummercjali, hi

ragonevoli limitatament fir-rigward tal-perjodu 2 ta' Lulju 2011 sat-2 ta' Novembru 2012[4].

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-appellat.**
2. **Tichad l-appell tal-appellant fir-rigward tad-decizjoni li ha dwar l-ghajnuna tal-qghad u li dwarha inhareg avviz datat 27 ta' Jannar 2014, gialadarba fil-perjodu li ttiehdet ma jirrizultax li l-appellat kellu attivita' kummercjali ghaddejja.**
3. **Tilqa' parzjalment l-appell tal-appellant fir-rigward tad-decizjoni li ha dwar hlas lura ta' ghajnuna ghal dizimpieg, u li dwarha hareg avviz datat 24 ta' Jannar 2014, u tvarja d-decizjoni tal-Arbitru fis-sens li tichad l-appell tal-appellat Attard fir-rigward tal-perjodu mit-2 ta' Lulju 2011 sat-2 ta' Novembru 2012 u tikkonferma d-decizjoni tal-appellant fir-rigward ta' dak il-perjodu. Ghall-kumplament tal-perjodu[5], tichad l-appell tal-appellant.**

**Spejjez taz-zewg istanzi jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

Anthony Ellul.

[4] Data tal-prezentata tal-mandat ta' inibizzjoni. Zgur li minn dakinhar kien hemm pulizija ghassa mar-razzett sabiex l-appellat jigi mrazzan milli jkompli bl-attivita illegali.
[5] 3 ta' Novembru, 2012 sal-10 ta' Jannar 2014 (inkluzi).